32007D0031

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2006

li tistipula l-miżuri tranżitorji fir-rigward tad-dispaċċ ta' ċerti prodotti tas-setturi tal-laħam u tal-ħalib koperti mir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mill-Bulgarija lejn Stati Membri oħra

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 7029)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/31/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u partikolarment l-Artikolu 42 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-prodotti ta' l-ikel ([2]) li jistipula regoli ġenerali għall-operaturi tan-negozju ta' l-ikel dwar l-iġjene ta' l-oġetti ta' l-ikel, abbażi ta' analiżi ta' riskju u prinċipji ta' punti ta' kontroll kritiċi. Hija tistipula li l-operaturi tan-negozju ta' l-ikel għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti strutturali bbażati fuq dawk il-prinċipji. Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([3]) jikkumplementa r-regoli stabbiliti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 852/2004. Ir-regoli stipulati fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jinkludu rekwiżiti speċifiċi għall-istabbilimenti tal-laħam u ta' l-ipproċessar tal-ħalib.

(2) Skond ir-riżultati ta' missjoni ta' l-Uffiċċju Veterinarju u ta' l-Ikel (FVO) fil-Bulgarija li saret mis-27 ta' Novembru 2006 sa l-1 ta' Diċembru 2006 ċerti stabbilimenti ta' l-ipproċessar fis-setturi tal-laħam u tal-ħalib ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nri 852/2004 u 853/2004.

(3) Barra minn hekk, is-sistema attwali ta' traċċabilità fil-Bulgarija mhix biżżejjed biex tkopri l-bżonnijiet tal-qagħda fil-Bulgarija taħt kondizzjonijiet fejn il-laħam li ġej minn pajjiżi terzi u l-laħam miksub mill-Bulgarija qabel l-1 ta' Jannar 2007, u ħalib mhux ipproċessat fil-Bulgarija, li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dawk ir-Regolamenti, qegħdin fit-territorju tal-Bulgarija.

(4) Meta titqies il-qagħda attwali fil-Bulgarija, huwa xieraq li jiġu stipulati miżuri tranżitorji fir-rigward ta' ċerti prodotti tas-setturi tal-laħam u tal-ħalib.

(5) Matul il-perjodu tranżitorju l-qagħda ta' l-istabbilimenti ta' l-ipproċessar kollha fis-setturi tal-ħalib u tal-laħam trid tiġi eżaminata bil-ħsieb li jiġi żgurat it-tmiem tal-proċess ta' modernizzazzjoni ta' ċerti stabbilimenti biex jiġu konformi mar-rekwiżiti Komunitarji. Barra minn hekk is-sistema ta' traċċabilità trid tittejjeb biex tilħaq l-istandard Komunitarju.

(6) Matul il-perjodu tranżitorju, hemm bżonn li tiġi stipulata projbizzjoni fuq id-dispaċċ ta' ċerti prodotti tas-setturi tal-laħam u tal-ħalib mill-Bulgarija lejn Stati Membri oħra. Madankollu, huwa xieraq li tiġi stipulata deroga għal ċerti stabbilimenti ta' pproċessar awtorizzati mil-leġiżlazzjoni Komunitarja biex jesportaw dawk il-prodotti lejn il-Komunità qabel l-1 ta' Jannar 2007, fid-dawl ta' garanziji disponibbli għal dawk l-istabbilimenti.

(7) Il-perjodu tranżitorju stipulat f'din id-Deċiżjoni għandu jkun limitat għal sena. Il-qagħda tas-setturi tal-laħam u tal-ħalib fil-Bulgarija għandha tiġi riveduta qabel ma jintemm dak il-perjodu, b'mod partikolari fid-dawl tar-riżultati ta' spezzjonijiet FVO ġodda li jridu jsiru f'Jannar 2007.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33); verżjoni kkoreġuta (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22).

([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1; verżjoni kkoreġuta (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3).

([3]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 22; verżjoni kkoreġuta (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 55). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-prodotti tas-setturi tal-ħalib u tal-laħam koperti mit-Taqsimiet ta' l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li ġejjin:

(a) Taqsima I (laħam ta' ungulati domestiċi);

(b) Taqsima II (laħam tal-pollam u tal-lagomorfi);

(ċ) Taqsima III (laħam ta' kaċċa mrobbija);

(d) Taqsima IV (laħam tal-kaċċa selvaġġa);

(e) Taqsima V (laħam ikkapuljat, preparazzjonijiet tal-laħam u laħam isseparat mekkanikament);

(f) Taqsima VI (prodotti tal-laħam); u

(g) Taqsima IX (il-ħalib nej u l-prodotti mill-ħalib).

Artikolu 2

1. Il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 ('il-prodotti') ma għandhomx jinbagħtu mill-Bulgarija lejn Stati Membri oħra.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE, u partikolarment l-Artikolu 3 tagħha, li l-prodotti ma jkunux involuti f'kummerċ bejn l-Istati Membri.

Artikolu 3

B'deroga mill-Artikolu 2(1), l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw il-kummerċ fi prodotti miksuba minn stabbiliment ta' l-ipproċessar elenkat fl-Anness bil-kundizzjoni li l-prodotti:

(a) għandhom il-marka sanitarja jew il-marka ta' identifikazzjoni tal-Komunità, imsemmi fil-punti (a) u (b) ta' l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, ta' l-istabbilimenti ta' l-ipproċessar ikkonċernati;

(b) huma akkumpanjati minn dokument kif stipulat fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 [1] li fih l-awtorità kompetenti tal-Bulgarija tiċċertifika dan li ġej:

"Prodotti konformi mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni K (2006)7029 finali".

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika bil-kundizzjoni u minn dak in-nhar tad-dħul fis-seħħ ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Hija għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2007.

Din id-Deċiżjoni se tiġi riveduta qabel din id-data b'mod partikolari fid-dawl tar-riżultati ta' spezzjonijiet FVO ġodda mwettqa f'Jannar 2007.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206; verżjoni kkoreġuta bil-ĠU L 226, 25.6.2006, p. 83.

ANNESS

Lista ta' stabbilimenti ta' l-ipproċessar awtorizzati li jibagħtu prodotti tas-setturi msemmija fl-Artikolu 1 mill-Bulgarija lejn Stati Membri oħra

L-ISTABBILIMENTI TAL-LAĦAM

Nru.	Nru. Vet.	Isem u indirizz l-istabbiliment	Sit il-fond ikkonċernat
1	BG 0201028	"Debelt Indastriys" OOD	s. Debelt obl.Burgas
2	BG 0401028	"Mesokombinat-Svishtov" EOOD	gr. Svishtov ul."33-ti Svishtovski polk" 91
3	BG 0404013	"Dakor" OOD	gr. G.Oriahovitsa ul."Tsar Osvoboditel"60
4	BG 0601031	"Mesodobivna kompaniya-Vratsa" OOD	gr. Vratsa ul."Ilinden"
5	BG 0901005	"Baydano-Komers" OOD	gr. Momchilgrad Promishlena zona
6	BG 1201011	"Mesotsentrala – Montana" OOD	gr. Montana bul."Treti mart" 216
7	BG 1204013	"Kompas" OOD	s. Komarevo obsht. Berkovitsa
8	BG 1604037	"Dil TUR"AD	"Dil TUR"AD
9	BG 1604039	"Evropimel" OOD	gr. Plovdiv bul."V.Aprilov"
10	BG 1701003	"Mesokombinat -Razgrad" AD	gr. Razgrad, Industrialen kvartal, ul."Beli Lom"1
11	BG 1901021	"Mekom" AD	gr. Silistra Industrialna zona -Zapad
12	BG 2204099	"Tandem-V" OOD	gr. Sofia bul. "Iliantsi"23
13	BG 2304002	"Nikas" AD	gr. Botevgrad ul."Tsar Ivan Shishman"39
14	BG 2501002	"Tandem -Popovo" OOD	s. Drinovo obsht. Popovo
15	BG 2701013	"Rodopa Shumen 1884" AD	gr. Shumen ul. "Industrialna"

STABBILIMENTI TAL-LAĦAM TAT-TJUR

Nru.	Nru. Vet.	Isem u indirizz l-istabbiliment	Sit il-fond ikkonċernat
1	BG 0202074	"Pticeklanitsa – Chubra" OOD	s. Chubra obl. Burgaska
2	BG 0402052	"Zornitsa Kesarevo" AD	s. Kesarevo obsht.Strazhitsa
3	BG 0702006	"Hrinad" OOD	gr. Sevlievo
4	BG 0802069	"Agroplasment 92V" AD	gr. Dobrich- okolovrastno shose-yug
5	BG 1102073	"Amon-Ra" OOD	s. Yoglav obl.Lovetch
6	BG 1602001	"Galus – 2004" EOOD	s. Hr. Milevo obl.Plovdiv
7	BG 1602045	"Deniz 2001" EOOD	gr. Parvomay ul."Al.Stamboliiski" 23
8	BG 1602071	"Brezovo" AD	gr. Brezovo ul. "Marin Domuschiev" 2
9	BG 2402001	"Gradus-1" OOD	gr. Stara Zagora kv."Industrialen"
10	BG 2402002	"Ekarisazh Zagore" AD	gr. Stara Zagora kv.Industrialen
11	BG 2802076	"Alians Agrikol" OOD	s. Okop obl. Yambolska

STABBILIMENTI TA' L-IPPROĊESSAR TAL-ĦALIB

Nru.	Nru. Vet.	Isem u indirizz l-istabbiliment	Sit il-fond ikkonċernat
1	BG 0412010	"Bi Si Si Handel" OOD	gr. Elena ul."Treti mart" 19
2	BG 0512025	"El Bi Bulgarikum" EAD	"El Bi Bulgarikum" EAD
3	BG 0612012	OOD "Zorov - 97"	gr. Vratsa
4	BG 0612027	"Mlechen ray – 99" EOOD	gr. Vratsa
5	BG 0612043	ET "Zorov-91-Dimitar Zorov"	gr. Vratsa
6	BG 0712008	"Milkieks" OOD	gr. Sevlievo zh.k."Atanas Moskov"
7	BG 0812009	"Serdika – 90" AD	gr. Dobrich ul. "25 septemvri" 100
8	BG 0812029	"Akurat mlechna promishlenost" OOD	gr. Dobrich kv.Riltsi
9	BG 0812030	"FAMA" AD	gr. Dobrich bul."Dobrudzha" 2
10	BG 0912004	"Rodopchanka" OOD	s. Byal izvor obsht.Ardino
11	BG 0912011	ET Alada – Mohamed Banashak	s. Byal izvor obsht.Ardino
12	BG 1112006	"Kondov Ekoproduktsia" OOD	s. Staro selo
13	BG 1312001	"Lakrima" AD	gr Pazardzhik ul. "Tsaritsa Yoana" 29
14	BG 1312011	"Eko-F" EAD	s. Karabunar
15	BG 1612001	"OMK" AD	gr. Plovdiv bul."Dunav" 3
16	BG 1612002	"Shipka 99" AD	gr. Parvomay ul."Vasil Levski" 47
17	BG 1612011	"Em Dzhey Deriz" EOOD	gr. Karlovo bul."Osvobozhdenie" 69
18	BG 1612037	"Filipopolis-RK" OOD	gr. Plovdiv ul."Prosveta" 2A
19	BG 1712042	ET "Madar"	s. Terter
20	BG 1912013	"ZHOSI" OOD	s. Chernolik
21	BG 1912024	"Buldeks" OOD	s. Belitsa
22	BG 2012009	"Vangard" OOD	s. Zhelyo voyvoda
23	BG 2012020	"Yotovi" OOD	gr. Sliven kv."Rechitsa"
24	BG 2012042	"Tirbul" EAD	gr. Sliven Industrialna zona
25	BG 2112018	"Laktena" OOD	s. Kutela
26	BG 2212001	"Danon – Serdika" AD	gr. Sofia ul."Ohridsko ezero" 3
27	BG 2212003	"Darko" AD	gr. Sofia ul."Ohridsko ezero" 3
28	BG 2212022	"Megle-Em Dzhey" OOD	gr. Sofia ul."Probuda" 12-14
29	BG 2512004	"Pip Treyd" OOD	s. Davidovo obsht. Targovishte
30	BG 2512020	"Mizia-Milk" OOD	gr. Targovishte Industrialna zona

Nru.	Nru. Vet.	Isem u indirizz l-istabbiliment	Sit il-fond ikkonċernat
31	BG 2612047	"Balgarsko sirene" OOD	gr. Haskovo bul."Saedinenie" 94
32	BG 2812003	"Balgarski yogurt" OOD	s. Veselinovo, obl. Yambolska
33	BG 2812022	"Karil i Tania" OOD	gr. Yambol ul."Gr. Ignatiev" 189
34	BG 2812025	"Sakarela" OOD	gr. Yambol ul. "Preslav" 269